**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 24 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 1607/01 AE**

**Mobisle Communications Ltd**

**vs**

**Paul Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tnejn u disghajn lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm192.66) hlas dovut in kwantu ghal Lm171.16 bilanc ta' prezz dovut skond Client Contract Number 01729 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u

dana fix-xhur bejn Frar u Lulju 2001, in kwantu ghal Lm5.50 in rigward ghall-ispejjez inkorsi skond l-ittra ufficjali prezentata kontra l-konvenut fl-20 ta' Awwissu 2001, u in kwantu ghar-rimantenti Lm16.00 huma dovuti bhala spejjez inkorsi skond il-prezentata ta' dan l-avviz.

Ra li l-konvenut ma kkontestax il-kawza u lanqas ma deher fis-seduti tat-18 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Nicolai Muscat Farrugia jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm171.16) bilanc ta' prezz dovut skond Client Contract Number 01729 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Frar u Lulju 2001.

L-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**